MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 196/1998/2

Michael Sultana, Annette xebba Cini, Rose mart Emanuel Attard, Liliana mart Benny Xerri u Joseph ahwa Cini, Michael Cini u Nancy mart Francesco Caruana ahwa Cini, Eucharist, George, Mary armla ta' Lorenzo Debrincat u Joseph ahwa Grech, l-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju ta' l-imsiefer Michael Grech, Victoria mart Vincent Vella, Grace mart Andrew Sultana u Anthony ahwa Sultana u Isabelle Grech

vs

Registratur Qrati Civili u Tribunali Ghawdex

Il-Qorti;

1. Permezz ta' rikors prezentat fl-14 ta' Novembru 2008, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu r-ritassa tal-kawza fl-ismijiet **Michael Sultana et vs Joseph Gafa et** (Cit. nru:- 196/1998AE) deciza fit-12 ta' Gunju 2008. Il-meritu tal-

kawza kien jittratta dwar proprjeta' ta' min hi porzjon art fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex bil-kejl ta' cirka 283mk, fil-fatt l-atturi kienu qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-art kienet proprjeta taghhom u tal-konvenuti Frank Wilson, Mary Pauline Irwin, Marjorie Catherine Pomeroy u Mary Wilson indivizament bejniethom. Rikors li gie notifikat lil kull min seta' kellu nteress f'din il-procedura sabiex jekk ihoss il-htiega jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu.

2. Mill-atti tal-kawza jirrizulta li fid-19 ta' Awwissu 2008 inharget taxxa ufficjali fejn l-ispejjez gudizzjarji gew dikjarat li huma fl-ammont ta' **€10,201.01 (€6,775.16 atturi u €3,425.85 konvenuti)**. Jirrizulta li r-Registratur baghatet avviz lir-rikorrent Michael Cini li jgib id-data tal-14 ta' Ottubru 2008[1] fejn talbitu jhallas is-somma ta' tlett elef mija u wiehed u sebghin euro u sitta u erbghin centezmu (€3,171.46) bhala dritt tar-registru fil-kawza fuq imsemmija. Irrizulta wkoll li dan l-ammont gie kalkolat fuq valur ta' mitejn u tnejn u tletin disgha mija u sebgha u tletin euro u erbgha u tletin centzmu (€232,937.34). Valur stabbilit wara nota prezentata fit-22 ta' Lulju 2004 li taqra hekk:-

***"Nota tal-partijiet li permezz taghha jiddikjaraw li l-valur mertu ta' din il-kawza huwa ta' mitt elf lira Maltija (Lm100,000)."***.

3. Irrizulta li din in-nota saret peress li wara l-mewt ta' l-avukat difensur tar-rikorrenti, huma riedu jinkarigaw avukat iehor. Ghalhekk Dr George Grech, li dak iz-zmien kienet impjegata f'dan l-ufficcju legali, flimkien ma' l-avukat tal-whud mill-konvenuti (Dr Carmelo Galea) ipprezentaw l-imsemmija nota. Fl-affidavit li ghamlet (fol. 8) Dr Grech iddikjarat li dwar il-kawza in kwistjoni ma tiftakar xejn. Min-naha tieghu Michael Cini xehed li l-avukat Grech qatt ma dehert ghalihom f'din il-kawza u wisq inqas iddiskutiet il-kontenut tan-nota prezentata fit-22 ta' Lulju 2004. L-ahhar seduta li fiha kien deher l-avukat

[1] Skond Michael Cini rcieva dan l-avviz fis-16 ta' Ottubru 2008.

Michael Grech ghar-rikorrenti kien fil-25 ta’ Mejju 2004, proprju dakinhar li miet[2]. Fis-seduta ta’ wara, 11 ta’ Novembru 2004, deheret Dr Georgine Grech u ddikjarat li qeghda tirrinunzja ghall-patrocinju tar-rikorrenti[3]. Madankollu mill-atti ma jirrizultax li f’xi zmien kienet assocjat ruhha jew assumiet il-patrocinju tar-rikorrenti.

4. Wara emendi ntrodotti bl-Avviz Legali 277 ta’ 2005, ghal dawk li hu dritt tar-Registru fejn il-meritu tal-kawza tkun dwar dritt ta’ proprjeta’, l-attur ghandu jipprezenta ***“dikjarazzjoni mahlufa li turi l-ammont bejn wiehed u iehor li jahseb li jkun jista’ jitlob jekk jigi stabbilit id-dritt tieghu u l-valur li ghandu jigi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur. Izda f’ebda kaz id-dritt intaxxat ma ghandu jkun inqas minn €232.94.”***[4]. Il-valur hekk stabbilit ghandu jkun il-valur tat-talba li fuqha ghandha tinhadem it-taxxa.

Hu fatt li skond Tariffa A li tittratta dwar drittijiet li jithallsu fir-Registru tal-Qrati, il-valur jista jigi dikjarat mill-partijiet jew mill-qorti (paragrafu 4[3]). Fin-nuqqas id-drittijiet *“...ikunu stabbiliti skond il-minimu mizjuda b’erba’ mija u hamsin u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), salv id-dritt tar-registratur li johorog taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-kaz.”*.

5. Minkejja li fir-rikors promotur ir-rikorrenti jsostnu li l-valur kien jirrizulta minn kuntratt pubbliku tad-29 ta’ April 1998 fl-atti tan-nutar Dr K. Dimech fejn il-proprjeta giet trasferita b’donazzjoni lill-intimat Joseph u martu Bernarina Gafa[5], fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2009 id-difensur taghhom filwaqt li qal li ghal dak li hu valur il-kwistjoni ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, *“....pero jahseb illi l-figura ta’ sebghin elf lira Maltin (Lm70,000) kienet tkun iktar gusta. Dr Carmelo Galea m’huwiex jopponi jekk it-taxxa kellha tigi riveduta fuq l-ammont fuq*

[2] Ara nota prezentata minnu a fol. 107 tal-process **Michael Sultana et vs Joseph Gafa et** (Cit. 196/1998).
[3] Fol. 135 – **Michael Sultana et vs Joseph Gafa et** (Cit. nru: 196/1998).
[4] Paragrafu 5(e).
[5] Ammont ta’ €11,646.86.

*imsemmi"*. F'kull kaz ghalkemm hu minnu li fl-atti tal-kawza jezisti dokument li jaghti valur lill-oggett li kien meritu ta' dan il-kawza, il-qorti hi tal-fehma li dan il-valur hu ferm konservattiv u ma jirriflettix il-valur reali tal-oggett fil-kawza iktar u iktar meta wiehed iqies il-valur li ghandha l-proprjeta' llum il-gurnata u li dak il-valur gie dikjarat fi trasferiment gratuwitu li sar 'il fuq minn 10 snin ilu. Mehud ukoll in konsiderazzjoni tan-natura u x-xoghol involut f'din il-kawza, ir-rikorrenti lanqas ma jistghu jippretendu li t-taxxa ghandha ssir fuq valur mizeru ta' €11,646.87 sempliciment ghaliex f'kuntratt ta' donazzjoni (li ghalih ma kienux parti u li gie pubblikat fid-29 ta' April 1998) gie dikjarat dan il-valur.

6. Mit-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qrati hu evidenti li l-kalkolu sar fuq valur ta' mitejn u tnejn u tletin elf disgha mija u sebgha u tletin euro u erbgha u tletin centezmu (€232,937.34)[6] [ara qoxra tal-process tal-kawza]. Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2009 Michael Cini xehed:-

*"Ma Dr Georgine Grech jiena qatt ma tkellimt fis-sens illi qieghed naghti l-permess tieghi biex issir dikjarazzjoni konguntiva li l-proprjeta' ghandha valur ta' mitt elf lira Maltin (Lm100,000) ghall-finijiet ta' tassazzjoni.*

*L-Avukat taghna fil-kawza kien Dr Michael Grech u ahna dejjem konna nikkonsultaw mieghu. Wara li miet Dr Grech ahna tlabna li ninghataw il-file u kkonsultajna ma' Dr Albert Camilleri. Dr Georgine Grech qatt ma kienet giet inkarigata minna sabiex tidher ghalina fil-kawza in kwistjoni."*.

Il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita minn tali dikjarazzjoni, iktar u iktar meta ma giet kontradetta minn hadd. Fl-affidavit li ghamlet Dr Georgine Grech sempliciment qalet ***"x'gara fir-rigward tal-kawza Michael Sultana et vs Joseph Gafa et (Citaz 196/98) <u>ma niftakar assolutament xejn.</u>"***. Ghalkemm qalet x'inhi l-prassi normali f'kazijiet simili, b'daqshekk ma tistax

[6] Ekwivalenti ghal Lm100,000.

isservi sabiex ma titwemminx il-verzjoni moghtija mir-rikorrent.

Il-qorti tirrileva wkoll li n-nota prezentata fit-22 ta' Lulju 2004, kuntrarjament ghal dak li jinghad fiha, m'hijiex nota tal-partijiet kollha. Dan in kwantu ghalkemm fin-nota l-avukat Dr Carmelo Galea ffirma **"ghal konvenuti"**, fir-realta' ma kienx qieghed jidher ghall-konvenuti kollha. Fil-fatt ghall-konvenuti Frank Wilson, Mary Pauline Irwin, Marjorie Catherine Pomeroy u Mary Wilson deher l-avukat Dr Joseph Ellis bhala kuratur deputat mahtur mill-qorti b'digriet tad-29 ta' Ottubru 1998.

Wara li l-qorti qieset id-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur tar-rikorrenti fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2009 u d-dikjarazzjoni tal-avukat Carmelo Galea u tqies li m'huwiex floku li ddahhal lill-partijiet f'iktar spejjez billi tinnomina perit sabiex jistabilixxi l-entita' tal-valur involut fil-kawza fuq imsemmija[7], filwaqt li tichad it-talba sabiex il-qorti tordna ritassa fuq il-valur dikjarat fil-kuntratt tad-29 ta' April 1998 qeghda tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili sabiex t-tassazzjoni ssir fuq valur ta' mija u tlieta u sittin elf u sitta u hamsin euro u erbatax-il centezmu (€163,056.14).

Spejjez ta' din il-procedura jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------

[7] F'dan il-kuntest ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Giuseppe Vella nomine vs Giovanni Anastasi nomine et** deciza fid-29 ta' Novembru 1952.